MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 667/2003

**Kevin Perry**

**vs**

**Giselle Refalo**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 1 ta' Lulju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Settembru 1995 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi l-partijiet kienu sseparaw fid-9 ta' April 2002;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-

drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif jirrizulta mill-**artikolu 19 (1) (d) tal-att li Jirregola z-Zwieg Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minn impotenza da parti ta’ wahda mill-partijiet sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relativa izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg u dan kif jirrizulta mill-**artikolu 19 (1) (g) tal-Att li Jirregola z-Zwieg Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi l-istess l-attur talab li din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fit-23 ta’ Settembru 1995 hawn fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d)** u jew **l-artikolu 19 (1) (e)** u jew **l-artikolu 19 (1) (g) tal-atti taz-Zwieg** hawn fuq indikat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u a fol. 4 tal-process.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fl-31 ta’ Lulju 2003, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet hamsin (50) gurnata sabiex jipprezentaw l-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat ir-rikors tal-attur Kevin Perry datat 5 ta’ Novembru 2003, a fol. 17, fejn talab biex in-notifikata tal-konvenuta issir wara l-hinijiet legali.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Novembru 2003, fejn Dr. Marco Ciliberti ghall-konvenuta ta ruhu notifikat bl-avviz tas-smigh tal-kawza u bic-citazzjoni. Il-Qorti nominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju w ordnatlu biex jiffissa zewg seduti ghal kull parti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Giselle Refalo, datata 11 ta' Dicembru 2003, a fol. 20, fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi hemm qbil li dan iz-zwieg huwa null mhux minhabba dak indikat mill-attur fil-konfront tal-konvenuta, izda minhabba fatti attribwibbli lill-attur *stante* li l-kunsens tieghu kien ivizzjat b' diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu kif kontemplat f'**artikolu 19 (1) (d) tal-Att li Jirregola z-Zwieg Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 21 u fol. 22 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, fis-16 ta' Frar 2004.

Rat in-nota tal-attur Kevin Perry, datata 9 ta' Jannar 2004, a fol. 25, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 6 ta' Frar 2004 fejn esebiet l-affidavit taghha u ta' Josephine Refalo.

Rat in-nota tal-attur datat 11 ta' Frar 2004 li permezz taghha prezenta l-affidavit Dr. Martin Borg u Vincent Perry.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, datati 16 ta' Frar 2004, tal-25 ta' Frar 2004 tas-7 ta' April 2004 u 17 ta' Mejju 2004 u 16 ta' Gunju 2004 fejn ma' sar xejn.

Rat il-verbal datat 21 ta' April 2004, fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjaru biex jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth fis-17 ta' Mejju 2004 u fis-16 ta' Gunju 2004 fejn ma' sar xejn.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 20 ta' Mejju 2004, a fol. 63, li permezz taghha prezentat l-affidavit ta' Mrs. Isabelle Saliba.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia.

Rat il-verbal datat 22 ta' Gunju 2004, fejn il-Qorti dikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa w il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Novembru 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attur **Kevin Perry** li gie prezentat permezz ta' nota datata 9 ta' Jannar 2004 u jinsab minn fol. 26 sa fol. 29. Rat l-affidavit ta' **Dr. Martin Borg** u ta' **Vincent Perry** li jigi missier l-attur, tali affidavit gew prezentati premezz ta' nota tal-attur datata 11 ta' Frar 2004.

Rat ukoll l-affidavit tal-konvenuta **Giselle Refalo** li gie prezentat permezz ta' nota datata 6 ta' Frar 2004 u tali affidavit jinsab minn fol. 42 sa fol. 48. Rat l-affidavit ta' omm il-konvenuta **Josephine Refalo** li jinsab minn fol. 39 sa fol. 41. Rat l-affidavit ta' oht il-konvenuta **Michelle Scerri** a fol. 59 u fol. 60 tal-process. Rat l-affidavit ta' **Isabelle Saliba** li gie prezentat premezz ta' nota datata 20 ta' Gunju 2004.

### (II) PRINCPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) (e) u (g) tal-Kap 255.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a queslla volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentiment, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)" (****Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** *(Torino, 1994), p. 97.*

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li:-

*"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il-consenso, quanto per gli impegni*

*per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che I contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, I nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole" (**Pompedda, MF.,** **"Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento"** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).*

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li *"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (**Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated"** ***(Montreal, 1993), p. 686).***

Illi l-**artikolu 19 (1) (g)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk:

*"(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g) jinghad** skond **J. Edward Hudson** *"a condition could either be suspensive or*

*resulutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din l-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur, pero' abbazi tal-provi prodotti ma jidhirx li dan l-element gie ppruvat u ghalhekk it-talba attrici fuq din il-bazi qed tigi michuda.

Illi l-**artikolu 19 (1) (e)** jikkontempla illi:-

*"jekk xi wahda mill-partijiet jkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg."*

Illi wahda mill-elementi essenzjali fiz-zwieg huwa li jkun hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja immirati ghal prokreazzjoni tat-tfal. Jekk jonqos dan l-element, ghalhekk il-ligi taz-zwieg tikkontempla li dan ghandu jwassal ghal annullament taz-zwieg, pero' biss jekk jigu soddisfatti d-diversi kundizzjonijiet specifikati fil-ligi.

Illi Il-ligi Taljana qabel ma giet emendata kienet tipprovdi fuq dan il-punt is-segwenti:-

*"Solo in presenza di due personalita' di grandissimo rilievo tale fusione potrebbe essere raggiuna prescindendo dal rapporto sesswale. L'impossibilita' della sua realizazzione importa, di regola, l'insorgere di tensioni, senz'altro contrarie all'ordinato svolgimento della convivenza e che nel migliore dei casi, danno luogo all'esistenza di un matrimonio di mera facciata."* (***Finocchiaro***, **Enciclopedia Del Diritto , Vol.XXV**, p.814).

Illi l-ligi nostrana ppreferiet taddotta l-kuncett ta' impotenza bhala raguni ghal annullament taz-zwieg skond id-duttrina tradizjonali taz-zwieg, u cjoe' li l-att sesswali huwa wiehed mill-elementi essenzjali fiz-zwieg u dan

kuntrarjament ghal kuncett applikat fil-ligi Franciza u l-ligi Taljana li segwew id-duttrina li l-att sesswali mmirat ghal prokreazzjoni tat-tfal mhux element essenzjali, izda huwa wiehed mill-elementi socjali li jgib mieghu z-zwieg.

Illi ma tezistix definizzjoni precisa tal-kelma *"impotenza"*, izda l-ligi Kanonika, kif ukoll civilisti maghrufa jiddistingwu bejn *"impotenza coeundi"* u *"impotenza generandi"*. ***Dr. Richard Galea Debono*** fit-tezi tieghu **"A Review of the Marriage Act, 1975 and its Implications"** jiddefinixxi din id-distinzjoni fis-segwenti mod:-

*"The former referring to that part of the sexual act which depends on the active participation of the parties and referring to the stages of intromission and insemination; and the latter, which is often referred to as sterility, involving the internal and involuntary (i.e not under the will's control) biological processes which might lead to pregnancy".*

*"The purpose behind this distinction was to limit the purport of impotence to impotentia coeundi and to debar the declaration of nullity of a marriage where the party affected was not impotent, but merely sterile. Thus it is possible for the female spouse to be potent i.e capable of copulation, but sterile owing to lack of ovulation."*

Illi b'danakollu, l-**Att Dwar iz-Zwigijiet** ma jiddistingwix bejn *impotentia coeundi* u *mpotentia generandi.* B'referenza ghal **artikolu 19 fl-Att Dwar iz-Zwigijiet** qabel ma saru l-emendi fl-1981, kien hemm dispozizzjoni *ad hoc* li kienet tirregola l-*impotentia generandi* u cjoe' l-isterilita'. Pero' din id-dispozizzjoni m'ghadhiex tezisti u ghalhekk wiehed jista' jinterpreta l-**artikolu 19 (1) (e)** fis-sens li tillimita ruhha ghal *impotentia coeundi.*

Illi l-impotenza kif ikkontemplata fl-**artikolu 19 (1) (e)** trid tkun assoluta jew relattiva. L-impotenza hija assoluta meta l-impotenza tal-parti hija relatata ma' kwalunkwe persuna. Hija relattiva meta l-impotenza tezisti biss fil-konfront ta' parti l-ohra.

Illi l-impotenza trid ukoll tezisti qabel iz-zwieg. F'dan il-kuntest gie stabbilit li huwa bizzejjed jekk l-impotenza tezisti mal-ewwel relazzjoni intima bejn il-partijiet. M'huwiex rikjest li jigi ppruvat li l-parti kienet impotenti fir-relazzjonijiet sesswali tieghu qabel iz-zwieg.

**(III) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fit-23 ta' Settembru 1995 u jidher li dan iz-zwieg sfaxxa peress li l-partijiet ma' setghax ikollhom tfal; fil-fatt jirrizulta li sfortunatament il-konvenuta qabel iz-zwieg ghaddiet minn problemi kbar ta' sahha li minhabba fihom kellha tissottometti ruhha ghal diversi interventi medici li kawza taghhom hija giet reza prattikament sterili; jirrizulta lil din il-Qorti li l-attur ma' kienx konxju ta' din il-kundizzjoni, u jista' jkun li dan kien il-kaz anke min-naha tal-konvenuta. Illi li huwa cert huwa li kieku l-attur kien jaf b'dan huwa ma kienx jizzewweg lill-konvenuta, u din il-Qorti thoss li anke l-konvenuta ma kinitx tizzewweg lill-attur, kieku kienet taf verament bis-sitwazzjoni taghha. Din is-sitwazzjoni giet spjegata b'mod car minn Dr. Martin Borg fl-affidavit tieghu tas-6 ta' Frar 2004, fejn huwa eskluda li l-istess konvenuta setghet qatt ikollha t-tfal u dan jidher li rrizulta proprju minhabba l-kura li l-konvenuta kellha tircievi.

Illi din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern jirrizulta li dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** *stante* li jidher li hadd mill-partijiet ma' kien kapaci jew lest li jiffaccja s-sitwazzjoni serja tal-konvenuta u l-konsegwenzi tal-istess fil-kuntest tal-hajja mizzewga li kienu qed jikkontemplaw il-partijiet. Dan kien bla duju dovut ghall-fatt li l-konvenuta, sfortunatament ghaddiet minn tbatijiet kbar sabiex litteralment issalva hajjitha, u l-attur ta dak kollu li setgha bhala *support,* u l-probabilita' hija li wara li ghaddew minn dan kollu, ma' ezaminawx bir-reqqa l-kwistjoni ta' ulied u s-sinifikat taghhom ghal kull wiehed u wahda minnhom. Fil-fatt din il-Qorti thoss li l-istat attwali dwar il-kondizzjoni tal-konvenuta setghu t-tnejn kienu jafuh sew u b'certezza qabel iz-zwieg, kieku t-tnejn li huma riedu verament ikun jafu dan – izda din il-Qorti thoss li xi haga zammithom lura

milli jaghmlu l-affarijiet zguri – bil-konsegwenza li meta verament fittxew u saru jafu bis-sitwazzjoni reali, ma' kienux kapaci jiddiljaw mal-istess, l-attur forsi iktar mill-konvenuta. Dan juri certament nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha, *stante* li kull parti f'dan il-kaz, zammet lura milli turi l-hsibijiet taghha u meta dawn hargu, (dan fuq affarijiet essenzjali taz-zwieg) ma kienux kapaci u fil-verita' fis-sitwazzjoni li poggew ruhhum fiha, kienu nkapaci li jirreagixxu mal-istess.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-partijiet ghall-dan iz-zwieg kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod kontrastanti ma' dak premess, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fit-23 ta' Settembru 1995 hawn fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------